# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net

Website : www.sannatparish.com


**IL-ĦADD, 2.1.11: SOLENNITA' TAL-EPIFANIJA TAL-MULEJ.**

**IT-TNEJN, 3.01.11:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar

F'nofs inhar ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju

**Fis-7.30p.m.** Se jsir High Tea organizzat mill-parroċċa fid-Dar Parrokkjali. Dħul b'xejn.

**IT-TLIETA, 4.01.11: Grupp tal-Kelma ta' Alla**

**Fis-6.30p.m.** Ikun hemm il-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla, fid-Dar Parrokkjali.

**IL-ĦAMIS, 6.01.11:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar

**Fis-7.00a.m**. Ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

**IL-ĠIMGĦA, 7.01.11:** l-**Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.**

Illum ikun hawn l-Adorazzjoni quddiem Ġesu' Sagramentat mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem .

Nagħmel appell biex din is-sena ninpenjaw ruħna ftit iktar ħalli nsibu ħin biex ngħadduh ma' Ġesu Sagramentat.

Illum nerġgħu nibdew it**-tagħlim tad-Duttrina** li jkun fil-ġranet u ħinijiet tas-soltu.

**Fis-6.30p.m. ĦARĠA GĦALL-MEMBRI TAL-KOR.**

Illum se nagħmlu ħarġa għall-membri tal-Kor tal-Kbar. Ix-Xarabank titlaq mill-Pjazza tal-knisja fis-6.30p.m

**Fit-8.00p.m.** Se ssir quddiesa ta' l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar organizzata mill-Moviment Gradwati Għawdxin għall-gradwati u l-membri tal-professjonijiet kollha.

Din tkun fil-knisja ta' Santu Wistin. Qabel il-quddiesa ikun hemm il-possibilta' tal-qrar.

**IL-ĦADD, 9.01.11: FESTA TAL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ.**

F'din l-okkażjoni llum se nġeddu l-wegħdiet li għamilna fil-magħmudija tagħna.

## FESTI PRINĊIPALI MATUL IS-SENA 2011

9 ta' Marzu Ikun Ras ir-Randan

24 ta' April Solennita' ta' l-Għid il-Kbir

5 ta' Ġunju Solennita tat-Tlugħ il-Mulej fis-Sema.

12 ta' Ġunju Solennita' tal-Għid il-Ħamsin.

27 ta' Diċembru l-Ewwel Ħadd tal-Avvent.

## ĦAJJA ĠDIDA GĦALL-MOBILES QODMA

Jekk għandek mobile phone qadim jew żejjed, (jaħdem jew ma jaħdimx) tista tagħtih għall-Missjoni fl-Afrika. Hekk tkun qed tgħin Tfal orfni u morda bl-AIDS fil-Kenya u anke familji fqar fiċ-Tchad.

Jekk tixtieq tgħin b'dan il-mod ġib il-mobile phone qadim tieghek (mingħajr chargers jew aċċessorji oħra), fl-Uffiċċju Parrokkjali.

Dawn se jingħataw lill-missjunarji fl-Afrika. Grazzi.

## WORLD YOUTH DAY

Dawk li se jieħdu sehem fil-World Youth Day li se ssir f'Madrid, se jkollhom laqgħa għalihom nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar 2011 fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb taċ-Ċawla.

## PONSJETTI…

Fil-waqt li nerġa nirringrazzja lil dawk kollha li offrew ħlas għal ponsjetta jew iżjed biex inżejnu l-knisja għall-Milied, navża li min ħallas għal xi ponsjetta u jixtieq jeħodha lura wara li nżarmaw jista jiġi għaliha minn nhar it-Tnejn, 3 ta' Jannar.